**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**

**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00063-2019-4**
**Il-Pulizija(Spettur SARAH MAGRI)**

**Vs**

**Adrian Saliba (K.I. 384173m)**

Illum, 5 ta' Novembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli fl-14/2/2019 ghal habta ta`14:30hrs bil-vettura TOYOTA (numru ta' registrazzjoni COR873) ġewwa TRIQ IL- GRANMASTRI, MARSASKALA

*[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))*

*[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))*

*[3] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))*

*[4] Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, mort kontra is-sinjal tat-traffiku (No Entry) (L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (c)))*

*[5] Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-pulizija jew min ufficjal iehor ta` awtorita ohra waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom*

*jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu. (Kap 9 Artiklu 338 (EE))*

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i u fliet id dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abbli difensur tal-imputat u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat illi mill-affidavit ta' **PC 282 Adrian Mackay**, xhud okulari tal-incident, jirrizulta illi fid-data, hin u post indikat fic-citazzjoni, il-kuntistabbli stazzjonat fir-*Rapid Intervention Unit* kien miexi bil-pass gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala innota l-vettura in kwistjoni hierga minn Triq il-Granmastri, Marsaskala ghal go Triq il-Qaliet, Marsaskala kontra t-tabella tar-"wrong way". Stqarr li *"din l-istess vettura x'hin waslet kantuniera ma Triq il-Qaliet kienet ha tahbat ma vettura ohra, liema kolluzjoni ma sarietx ghaliex ix-xufiera tal-vettura l-ohra li kienet niezla minn Triq il-Qaliet kienet mohha hemm bizzejjed biex fil-pront waqqfet il-vettura taghha biex ma tahbatx mieghu."* Skond l-istess xhud, *"dan ix- xufier maskili, x'hin ra hekk lanqas indenja ruhu jinzel mil-vettura biex jistaqsi lis-sinjura tal-vettura l-ohra li evidentament kellha qata' kbira fuqha jekk hux kollox sew, izda qabad u telaq 'l fuq minn Triq il-Qaliet direzzjoni ghac-Cerviola Hotel."* Malli l-ufficjal tal-Pulizija ra hekk, huwa nizzel in- numru tar- registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni. Meta dan ghamel kuntatt mal-*Control Room* irrizulta li l- vettura in kwistjoni hija proprjeta' tal-imputat. L-istess xhud qal illi huwa ghamel kuntatt telefoniku mal-imputat dak il-hin u qallu sabiex jerga' jigi fuq il-post biex ikellmu. L-imputat min-naha l-ohra, skond ix-xhud, qallu li hu kien qieghed bl- imsemmija vettura u ma' kellux ghalfejn jigi lura fuq il-post ghax skond hu ma' kien ghamel xejn hazin. Ix-xhud wissieh li kien qieghed jordnalu bhala ufficjal tal-Pulizija sabiex jew jirritorna lura fuq il-post jew inkella jmur l-Ghassa tal-Pulizija, izda l-imputat baqa' jirrifjuta li jaghmel dan u ghalhekk l-ufficjal infurmah li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat illi mix-xhiedha ta' **Elizabeth Chetcuti**, il-persuna li kienet qed issuq il-vettura l-ohra jirrizulta illi fid-data, hin u post indikat fic-citazzjoni, din kienet qed issuq il-vettura fin-nizla:

*"fejn l-isparkle image prattikament Wied il-Ghajn u li gara jiena u niezla f'daqqa wahda harget karozza minn naha tax-Xellug u baqa` hiereg ix-xufier u jiena pruvajt nigbed fuq il-lemin u kien hemm karozza tiela` mit-tela` u waqfitli u qisni stajt nibqa` nigbed fuq il-lane taghha w l-karozza baqghet hierga u qisna jiena ma stajtx nemmen qisu ma laqtitniex ghax ma kelliex, ehe…kien hemm din il-karozza hierga minn naha tax-xellug u baqghet hierga avolja jiena daqqejt biex u qed tiswervja w il-karozza*

*baqghet hierga u prattikament litterlament waqafna jiena qieghda fuq il-lane l-ohra w l-karozza kwazi mal-genb tad-driver"*

Ikkunsidrat illi ghal kull bwon fini, l-istess xhud gharfet l-imputat fl-awla bhala l-persuna li kienet issuq il-vettura.

Ikkunsidrat ukoll illi l-istess xhud xehdet illi l-kuntistabbli li inzerta fil-lok in kwistjoni kien liebes pajzan.

Ikkunsidrat illi dwar il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, perikoluz u bla kont, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**" illi:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat...**sewqan bla kont** hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi ... **sewqan perikoluz** jirrekjedi li fil kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

Ikkunsidrat illi dwar l-ewwel erba' akkuzi, l-verzjoni tal-imputat kif dettata fix-xhiedha tieghu m'hijiex kredibbli kif lanqas m'hu kredibbli jew b'xi mod ippruvat l-argument illi fit-triq in kwistjoni ma' kienx hemm it-tabella li tindika *"One-Way"* u din il-Qorti qeghda ghalhekk tiskarta tali verzjoni.

Ikkunsidrat ghalhekk illi mill-provi riprodotti iktar 'l fuq jirrizulta bla ebda dubbju illi l-imputat mhux biss kien qed isuq traskurat stante illi kien qieghed *wrong-way* izda inoltre s-sewqan kien wiehed bla kont u perikoluz ghaliex it-traskuragni kienet tant kbira illi sahansitra kien ta' periklu serju ghat-terz, tant illi li kieku t-terz ma' kienetx pronta sabiex taghmel manuvra evasiva, li filfatt ghamlet, kienet issir kollizjoni bejn iz-zewg vetturi. Ghalhekk l-ewwel erba' akkuzi jirrizultaw ampjament sodisfatti.

Ikkunsidrat illi fir-rigward tal-hames akkuza, filwaqt li x-xhud PC 282 Adrian Mackay xehed illi waqt it-telefonata huwa kien wissieh li huwa ufficjal tal-Pulizija u li ghalhekk qieghed itih ordni formali, l-imputat dahal f'izjed dettal meta xehed kif gej:

"*F'daqqa wahda nircievi telefonata minghand persuna li jisimha Adrian McKay li dan il-persuna qalli "ejja fuq il-post immedjatament ghax hazin ha jkun ghalik". Jiena werwirni, ghidtlu "hazin ikun ghalik,inti min inti?" reggha irrepeta biex immur fuq il-post ghax hazin ikun ghalija, ghidtlu "jiena jiddispjacini, m'ghandiex ghalfejn*

*nigi fuq il-post" u jiena ma mortx. Wara fl-ahhar qabel ma qtajt ivverifika li hu kien Pulizija. Jiena immedjatament cempilt id-depot u ikkonfermajt li dan Adrian Mc Kay huwa Pulizija, l-ewwel ma setghux jikkonfermawli jekk kienx tal-ghassa ta' Haz-Zabbar umbghad ikkonfermawli wara telefonata ohra li kien tal-RIU. Meta cempilt qabduni mieghu w ghidtlu "issa qed nivverifika li inti Pulizija fejn tridni nigi?" qalli "issa tard wisq" qalli "niltaqghu l-Qorti habib", ghidtlu "jiddispjacini inti qed nihheresjani bl-ttegjamenti tieghek"*

L-istess xhud wiegeb ukoll hekk fuq mistoqsija tal-Qorti:
***"Qorti**: Sinjur, meta infurmak il-Pulizija biex tigi, biex tmur fuq il-post qallek ukoll "isma jew tigi fuq il-post jew tigi sal-Ghassa tal-Pulizija?"*
***L-imputat Adrian Saliba**: Le, l-ghassa ma semmighili qatt. Kieku semmighili kont naghzel li mmur fl-ghassa."*

Ikkunsidrat illi ghalkemm m'ghandiex dubju illi PC 282 Adrian Mackay wettaq dmiru sew bhala ufficjal tal-korp tal-Pulizija vis-à-vis dan l-incident, il-Qorti madanakollu m'hijiex konvinta illi huwa identifika' lilu nniffsu b'mod car fit-telefonata lill-imputat b'mod illi dan seta jifhem illi li l-ordinijiet moghtija lilu kienu ordnijiet legittimi fil-konfront tieghu. L-Artikolu 338(ee) jipprezumi li dak li jkun ikun jaf, jew ghall-anqas seta' ragonevolment ikun jaf, li dak li kien qed jaghti l-ordni kien persuna f'awtorita` jew altrimenti persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ghandha dubbju serju dwar kemm l-istess ufficjal identifika' lilu nnifsu b'mod u manjiera effettiva u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza ma' tirrizultax pruvata.

**<u>Decide</u>**

**Wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2), Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (c)) u Kap 9 Artiklu 338 (ee):**

- **tillibera lill-imputat mill-hames akkuza,**

- **issibu hati tal-ewwel erba' akkuzi u:**

    - **tikkundannah ihallas il-multa komplessiva ta' tlett mitt euro (€300), liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' sitt (6) xhur b'effett mis-6 ta' Novembru 2019 permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro il-wiehed (€50) b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor**

- **tiskwalifikah milli jzomm il- liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur u gimghatejn u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.**

- **ai termini tal- Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi penali ta' tlett (3) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti għandhom jiġu mniżżla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur